MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/2009/1

**Angelo Cauchi**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fil-15 ta' Settembru 2010 inghatat sentenza preliminari mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex), u li tinsab a fol 31 tal-process.

Rat li fis-26 ta' Lulju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, (Ghawdex) ippronunza s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*‘ It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-22 ta’ Mejju 2009, li jghid hekk :-*

*‘Peress illi l-attur huwa proprjetarju ta’ benefikati edilizji immobbli mibnija fuq art maghrufa bhala ‘ta’ Nawrata ta’ Fuq’, fi Sqaq fi Triq Il-Knisja, Gharb, Ghawdex, akkwistata minnu b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tas-7*
*Peress illi l-konvenut huwa proprjetarju ta’ fond li jigi fuq in-naha l-ohra tal-isqaq ;*

*Peress illi bejn il-proprjeta’ ta’ l-attur u l-isqaq kien jezisti hajt li tnehha mill-konvenut, u meta dan gie biex jerga’ jibnieh dan ma riedx jaghmlu fuq il-linja divizorja tant illi l-attur kellu jipprocedi b’kawza Citaz. numru 122/96 : Angelo Cauchi vs Joseph Vella, deciza fl-20 ta’ Gunju 2007, fejn l-attur kien gie awtorizzat jibni l-hajt hu fuq il-linja divizorja ;*

*Illi dan il-hajt sewa lill-attur sitt mija u tlettax –il Euro (€613) biex inbena, liema somma l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas lill-attur is-somma ta’ €613 kif fuq dovuta, bl-imghax mill-ittra ufficjali ta’ Frar 2009, u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ;*

*Il-konvenut jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.’ ;*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tal-4 ta’ Awwissu 2009, eccepixxa :-*

*‘1. In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal li jiddeciedi dan il-meritu stante li din il- kwistjoni mhijiex talba ta’ flus kif definita fl-artikolu 3 (1) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, imma tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal, l-artikolu 7 (2)(a) tal-istess Att. Infatti fil-kawza Citaz.122/96 fl-ismijiet : Angelo Cauchi vs Joseph Vella, deciza fl-20 ta’ Gunju 2007, l-attur gie awtorizzat (ut sic) li*

*jibni l-hajt mertu tal-kawza. Il-parti dispozittiva tas-sentenza ma tordnax li dan il-hajt ghandu jinbena ghas-spejjez tal-konvenut. Kwindi l-attur ma jistax bi proceduri quddiem dan it-Tribunal jissana sentenza kif jixtieq hu. Se mai kellu jitlob korrezzjoni fit-talbiet qabel is-sentenza finali jew uza l-procedura rimedjali stabbilita fl-artikolu 825 tal-Kodici tal-Procedura Civili, rimedju li ma utilizzax. Illi din is-sentenza tal-10 ta' Gunju 2007, issa ghaddiet in gudikat, u bl-ebda mod ma tistax tinbidel ;*

*2. Illi minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, fil-kaz odjern hemm l-illecita' tal-kawza, u dan peress illi l-bini tal-istess hajt huwa soggett ghall-ordni tat-twettiq u tnehhija tieghu l-ghaliex sar minghajr il-permessi mehtiega mill-MEPA (EC/004591/09), u stante din l-illegalita', dan it-Tribunal huwa bil-ligi prekluz milli jisma' din il-kawza u jaghti rimedju ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghar-risposta gia' mressqa fil-paragrafu numru (1) u (2) huwa sottomess bir-rispett illi din l-azzjoni hija wkoll intempestiva. L-attur kellu jaghti fl-ewwel lok opporunita' lill-konvenut li jibni dan il-hajt hu u mhux unilateralment jaqbad u jibni dan il-hajt, u jibghat il-kont wara ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) eccezzjonijiet, l-ammont mitlub huwa gonfjat u eccessiv ghall-ahhar ;*

*5. Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.' ;*

*Sama' l-provi ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Ra s-sentenza preliminari tal-15 ta' Settembru 2010 ;*

*Ra wkoll l-atti tal-kawza li kien hemm bejn l-istess partijiet (Citazzjoni numru 122/1996), li giet deciza mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Generali fl-20 ta' Gunju 2007 ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fil-meritu ;*

*Ikkunsidra :*

*Illi din il-kawza saret peress illi l-konvenut naqas li jhallas l-ispejjez li gew inkorsi mill-attur wara li l-attur kien gie awtorizzat b'sentenza tal-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-20 ta' Gunju 2007, fil-kawza fl-ismijiet : Angelo Cauchi vs Joseph Vella (Citazzjoni numru 122/1996), sabiex jipprocedi bil-bini tal-hajt bejn il-proprjeta' tieghu u l-isqaq skond il-qasma kif giet stabbilita bl-istess sentenza bl-assistenza tal-perit tekniku li kien gie nominat fl-atti ta' dik il-kawza. L-attur qed jippretendi l-hlas ta' dawn l-ispejjez minghand il-konvenut billi kien il-konvenut li kien oppona ruhhu ghall-bini mill-gdid tal-hajt fejn originarjament kien, u billi kien minhabba l-konvenut li l-hajt kien inqala' minn fejn kien originarjament u kien gie mibni aktar il-gewwa fl-art tal-attur ;*

*Jirrizulta mill-atti li wara dik is-sentenza l-attur kien ipproceda bil-bini tal-hajt skond dik is-sentenza minghajr ma qabel huwa kien talab u ottjena l-permess biex ikun jista' jibni dan il-hajt mill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar skond il-qasma li kienet giet hekk stabbilita, u konsegwenza ta' dan in-nuqqas kien inhareg avviz ta' twettiq u nfurzar (ECF 459/09) fis-16 ta' Marzu 2009, mill-Awtorita' fil-konfront tal-attur talli dan kien bena l-hajt l-barra mill-allinjament ufficjali tat-triq progettata. L-attur baqa' sallum ma ha ebda passi kontra l-hrug ta' dan l-avviz ta' twettiq u nfurzar, u lanqas biex inehhih, u l-kaz jinsab ghad-direct action biex l-Awtorita' tipprocedi bir-rimozzjoni tal-hajt de quo ;*

*Il-fatt li l-attur kien gie awtorizzat b'sentenza ta' qorti biex jibni l-hajt fuq il-qasma li giet stabbilita bl-istess sentenza, b'daqshekk b'dik is-sentenza biss l-attur ma kienx mehlus li jitlob u jottjeni kull permess iehor ghall-bini tal-hajt, jekk kien hekk mehtieg minn kull ligi ohra li tirregola l-izvilupp qabel ma ghadda ghall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza; haga li l-attur ex admissis naqas li jaghmel ghax ippretenda li bis-sentenza tal-qorti kien bizzejjed u kienet taghtih sahha li jipprocedi bil-bini tal-hajt minghajr il-htiega*

*li jottjeni permess minghand l-Awtorita’, minkejja li kellu d-dmir taht il-ligi li jaghmel dan qabel ma pproceda bil-bini tal-hajt skont dik is-sentenza ;*

*Inoltre meta l-attur hariglu l-permess biex jizviluppa l-art tieghu l-gewwa fl-isqaq u fuqha jibni dar bil-pool, li jgib in-numru PA 01448/04, liema permess kien hariglu formalment fl-24 ta’ Awwissu 2004, dan kien inhariglu bil-kundizzjoni li jrid jibni ‘in accordance with the official alignment and proposed/existing finished road levels as set out on site by the Malta Environment & Planning Authority’s Land Surveyor’. Dan ifisser li l-konvenut meta zviluppa l-art tieghu hu kien accetta li jibni skont il-kondizzjonijiet lilu imposti fil-permess tal-bini fosthom li jrid jitwessa’ l-isqaq ;*

*Minkejja li l-permess tal-bini kien hariglu fil-mori tal-kawza l-ohra li kien hemm bejn l-istess partijiet, qabel ma l-istess kawza giet deciza, u allura l-attur kellu piena konsapevolezza tal-fatt li l-hajt li kien qed jitlob li jigi awtorizzat li jibni, dan ma setghax jibnih fuq il-qasma li kien qed jinsisti li jibnih fuqha minhabba din il-kundizzjoni fil-permess li kienet giet imposta fuqu mill-Awtorita’, huwa xorta wahda ghazel li jibqa’ ghaddej bil-kawza minghajr ma baqa’ gibed l-attenzjoni la tal-perit tekniku f’dik il-kawza u lanqas tal-qorti dwar dan il-fatt, anzi’ talli kien hu li nsista f’dik il-kawza l-ohra li jkun hemm sentenza abbazi tar-rapport peritali kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2006, meta kien jaf li l-hajt li hu stess kien talab li jibni ma setghax jibnih fuq il-linja tal-qasma li hu stess ukoll kien talab li tigi stabbilita mill-Qorti meta kien pienament konxju tal-fatt li din il-qasma kienet giet sostitwita bl-allinjament ufficjali tat-triq progettata. Il-permess lill-attur kien inhareg abbazi tar-regolamenti tal-bini vigenti, liema regolamenti joholqu servitujiet legali ta’ utilita` pubblika fosthom il-progettazzjoni ta’ triq gdida bhalma kien proprju il-kaz meta l-attur applika ghall-permess tal-bini fuq l-art tieghu li ghandu l-gewwa fl-istess sqaq ;*

*Il-konvenut ghalhekk mhuwiex obbligat li jaghmel tajjeb ghall- ispejjez li saru mill-attur meta l-bini tal-hajt mill-attur*

*ma sarx skond il-ligi, sar –il barra mill-allinjament ufficjali tat-triq progettata li mieghu l-attur kien marbut li josserva, u hemm ordni tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex dan l-istess hajt li bena l-attur jitnehha ;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta timmerita li tigi milqugha ;*

*Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' din l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu, hlief ghall-ispejjez tas-sentenza preliminari tal-15 ta' Settembru 2010, li ghandhom jibqghu regolati kif hemm gie ordnat.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-attur Angelo Cauchi datat 5 ta' Awwissu 2011 fejn filwaqt li ghamel pjena referenza ghal provi gia migbura talab illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fis-26 ta' Lulju 2011 billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn ordnat lill-konvenut ihallas l-ispejjes tas-sentenza preliminari tal-15 ta' Settembru 2010, tirrevokha fil-bqija u tilqa t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-Appell ta' Joseph Vella datat 24 ta' Novembru 2011 fejn issottometta bir-rispett li s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Lulju 2011 tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi, hlief dik tas-sentenza preliminari tal-15 ta' Settembru 2010 kontra l-attur appellant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ma kellu l-ebda awtorita' li jindaga dwar l-esegwibilita' tas-sentenza tal-Qorti u kull ma kellu jsir huwa biss jekk ix-xoghol sarx in esekuzzjoni tas-sentenza u xejn izjed; (b) id-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2007 ghaddiet in gudikat u l-illegalita' o meno tal-hajt ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni gia deciza mill-Qorti u l-attur allura ghandu dritt li jirkupra l-ispejjez li inkorra ghall-bini tal-istess hajt.

Illi din il-Qorti thoss li ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju u dan peress li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet **"Angelo Cauchi vs Joseph Vella"** tal-20 ta' Gunju 2007 (Citaz. Nru. 122/1996/PC) qatt ma ddecidiet li l-konvenut kellhu jhallas l-ispejjez tal-hajt li l-attur gie awtorizzat li jibni; mela allura il-kwistjoni jekk il-konvenut huwiex obbligat li jhallas l-ispejjez tal-istess hajt kienet riservata u qamet biss f'din il-kawza, u la darba gie eccepiet li l-konvenut ma kienx obbligat li jhallas ghall-hajt li fuqu hemm ordni ta' Twettiq da parte tal-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, fatt li ma giex kontestat, mela allura l-istess Tribunal Ghal Talbiet Zghar kellhu jezmina, kif ezamina dik il-kwistjoni, li qamet biss f'din il-pendenza, u la darba rrizulta li hekk kien il-kaz, mela allura kien korrett meta laqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellat li l-hlas qed jintalab ghal xi xoghol li sar fuq hajt li ma ghandux il-permessi mehtiega, u ghalhekk hemm kawza illecita kif eccepiet mill-istess konvenut.

Illi jinghad li dan il-punt qatt ma gie investit mill-Qorti Civili, tant li fl-istess decizjoni bejn il-partijiet l-attur gie awtorizzat sabiex jibni l-hajt kif u fejn talab; izda ma kien hemm ebda decizjoni li l-konvenut kellhu jhallas l-ispejjez tal-istess, u ghalhekk l-istess decizjoni ma tistax timpingi fuq il-mertu ta' din il-kawza, tant li l-istess kawzi huma ben distinti, u fil-fatt it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar, irrikonoxxa dan tant li cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut b'decizjoni datata 15 ta' Settembru 2010.

Illi ghalhekk dak li gie promoss f'din il-kawza huwa meritu ghal kollox differenti minn dak deciz fil-kawza bejn l-istess partijet fil-Qorti Civili u hekk qed jigi trattat minn din il-

Qorti, tant li lanqas jista’ jinghad li din il-kawza hija b’xi mod esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, ghaliex kieku hekk tali esekuzzjoni kienet tispetta lill-Qorti li tat l-istess sentenza u mhux it-Tribunal li mid-decizjoni tieghu sar appell quddiem din il-Qorti. Mela allura l-mertu ta’ din il-kawza qed jigi deciz f’din il-kawza, u din il-kawza certament mhux qed tattaka l-validita’ tas-sentenza tal-Qorti Civili, izda qed titlob li l-konvenut ihallas ghall-bini ta’ hajt li l-attur bena konsegwenti ghall-istess decizjoni, punt li certament ma giex deciz f’dik il-kawza, u qed jigi deciz biss f’din il-kawza, u l-konvenut laqa’ ghal tali talba bl-eccezzjoni li tali hajt hemm fuqu *enforcement notice,* u la darba jirrizulta li hekk huwa, mela allura certament li ma ghandhux jigi kostrett ihallas ghall-hajt li jidher li huwa llegali ghaliex mhux konformi mal-ligi dwar l-ippjanar. Mela allura dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li ghar-ragunijiet fuq indikati dan ma jistax jigi milqugh ghaliex d-decizjoni precedenti bejn l-istess partjiet tal-Qorti kompetenti datata 20 ta’ Gunju 2007 fl-ebda stadju ma ordnat li l-konvenut ihallas l-ispejjez tal-istess hajt, u allura gustament it-Tribunal kellhu jidhol fil-punt mqajjem fir-risposta tal-konvenut quddiemu, punt li qam l-ewwel darba f’din il-kawza bejn il-partijiet u qatt ma gie trattat fil-kawza l-ohra. Fil-fatt iz-zewgt kawzi f’dak li huma talbiet huma ghal kollox indipendenti minn xulxin, u t-talba ghall-hlas tal-istess hajt mill-konvenut qamet biss f’din il-kawza u mhux fl-ewwel kawza u b’hekk bl-ebda mod din il-kawza ma hija qed timpingi fuq il-validita’ tas-sentenza moghtija, tant li l-mertu taghha huwa ghal kollox differenti u dak li qed jintalab huwa sussegwenti ghall-istess decizjoni u punti li qatt ma gew decizi u trattati fl-ebda forum gudizzjarju hlief dak odjern u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jig michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat datata 24 ta’ Novembru 2011 biss in kwantu konsistenti ma’ dak

hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant Angelo Cauchi fir-rikors tieghu datat 5 ta' Awwissu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi "Angelo Cauchi vs Joseph Vella" (Avviz Nru. 19/2009/MS) datata 26 ta' Lulju 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Angelo Cauchi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------